**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 13 ta' Marzu 2025**

**Kawża numru 735/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Mallia)**

**(Spettur Stephen Gulia)**

**Vs**

**Ann Viktoria In Sung Taberman**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Ann Viktoria In Sung Taberman** ta' sebgħa u tletin (37) sena, imwielda l-Korea nhar l-ewwel (01) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987), residenti fl-indirizz numru mija u tlieta u erbgħin (143), Chamonix, Flat numru wieħed (1), Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi u detentrici tan-numru tar-residenza 273614A u fil-konfront ta' **Omissis;**

Nakkużaw lil **Ann Viktoria In Sung Taberman,** talli bejn it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn is-sitta ta' filgħaxija

(18:00) u l-erbgħa ta' filgħodu (04:00) tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u ġranet qabel ġewwa s-Siġġiewi u postijiet oħra f'Malta:

1. bil-ħsieb illi tagħmel ħsara lil xi persuna oħra, akkużat lill-istess persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt illi kienet taf li din il-persuna hija innoċenti;

2. u iktar talli b'qerq, ħolqot jew ġegħelt jihder li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkun jista' l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

3. kif ukoll akkużata talli ddenunzjat lil Pulizija Eżekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella b'qerq ħolqot traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

Nakkużaw lil **Omissis** talli fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00) u l-erbgħa ta' filgħodu (04:00) tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u ġranet qabel ġewwa s-Siġġiewi u postijiet oħra f'Malta:

4. iddenunzja lil Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b'qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

5. ukoll talli f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi, xjentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata **Ann Viktoria In Sung Taberman** rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha

konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietha bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tagħha u tatha biżżejjed żmien sabiex terġa' tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha u terġa' lura minnha;

Rat ukoll illi għalkemm oriġinarjament dawn il-proċeduri ttieħdu fil-konfront tal-imputata **Ann Viktoria In Sung Taberman** u ta' Omissis, fl-udjenza tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju fir-rigward tal-imputata odjerna, liema talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti, sabiex għalhekk issa ser tgħaddi għas-sentenza fil-konfront tal-istess imputata ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata **Ann Viktoria In Sung Taberman** għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha, u dan fil-preżenza tal-avukat difensur tagħha, din il-Qorti ma tistax ħlief issibha ħatja tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputata, in-natura tar-reati li tagħhom l-imputata qiegħda tinstab ħatja, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tenut kont tal-ammissjoni tal-imputata, mhux qegħda titlob li tiġi mposta piena karċerarja fuq l-imputata. In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija propensa li tagħti lill-imputata opportunita' sabiex tirregola ħajjitha aħjar u dan sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati tal-istess natura tar-reat mertu ta' dawn il-proċeduri.

Tqis *in oltre* li fit-trattazjoni orali dwar il-piena li saret mill-partijiet, jirriżulta ċar li kemm il-prosekuzzjoni, kif ukoll id-difiża qablu li l-imputata għandha bżonn l-għajnuna, b'mod partikolari għajnuna ta' natura psikoloġika.

**Decide**

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 101(1)(a), 110(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lill-imputata **Ann Viktoria In Sung Taberman** ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti

fil-konfront tagħha iżda peress illi fil-fehma tagħha, fil-każ in eżami huwa iktar opportun li jkun hemm sorveljanza ta' l-imputata minn Uffiċjal tal-Probation sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, partikolarment reati ta' l-istess natura bħar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż x-xorta tar-reati adebbitati lill-imputata minnha ammessi, huwa iktar adatt li jinħareg Ordni ta' Probation fil-konfront ta' l-istess imputata, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem li hija tifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqha bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha ma' tali Ordni ta' Probation jew tagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, hija tista' tingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Peress illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputata għandha bżonn l-għajnuna, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-istess imputata taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tliet (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qiegħed jiġi magħmul għall-fini li l-imputata tingħata it-trattament u l-kura kollha meħtieġa, inkluż li tiġi segwita minn Psikologa.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha, kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li ma tikkonformax ruħha ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni tal-istess Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħalha ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

A tenur ta' l-Artikolu 7(8) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li dan l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament għandu jigi komunikat lid-Direttur inkarigat mill-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħatja tħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali is-somma ta' ħames mija u ħamsa u sittin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (Eur 565.68), rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti l-Uffiċjal Ċivili Ylenia Camilleri, PC 1491 Kurt Attard u Dr. Mario Scerri, liema somma għandha titħallas fi żmien ħames (5) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara